**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta’ Frar 2023**

**Rikors Nru. 91/2021 GM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Shirin Maria Cassar (Karta tal-Identità numru 12460A) u b’ digriet tat-12 ta’ Mejju 2021, il-kliem Shirin Maria Cassar (Karta tal-Identità numru 12460A) jiġi sostitut bil-kliem Shirin Maria Cassar (Karta tal-Identità numru 238016L ġia 12460A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-kumpannija HSBC Bank Malta p.l.c. (“Il-Bank”) li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

1. Huwa kreditur tal-konvenuta fis-somma ta’ erbgħa u erbgħin elf mitejn u erbatax-il ewro u tmenin ċenteżmu (€44,214.80) li minnhom is-somma ta’ tnejn u tletin elf mija u sittax-il ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€32,116.61) tirrappreżenta l-kapital, filwaqt li s-somma ta’ tnax-il elf tmienja u disgħin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€12,098.19) tirrappreżenta l-imgħaxijiet ikkalkulati sal-5 ta’ Jannar 2021, oltre l-imgħax ulterjuri mis-6 ta’ Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, u dan abbażi ta’ bilanċ dovut lis-soċjeta`

attriċi in segwitu għal faċilità bankarja, ossia *overdraft* tas-27 ta' Novembru 2008, li ġiet konċessa lill-konvenuta permezz ta' ftehim anness bħala Dok A.

2. In segwitu għall-konċessjoni mogħtija lilha, il-konvenuta ma kinetx baqgħet tagħmel pagamenti fil-kont tagħha, u għaldaqstant il-bank ma kellux triq oħra ħlief li jeżiġi ħlas tal-kreditu, u konsegwentment għamel dan permezz ta' ittra tas-7 ta' Jannar 2010 (hawn annessa bħala Dok B).

3. Nonostante din l-ittra, il-ħlas baqa' ma sarx, u għalhekk il-bank reġa' interpella lill-konvenuta għall-ħlas tal-ammont dovut, din id-darba permezz ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Novembru 2017 (Ittra numru 4499/17), iżda l-konvenuta xorta waħda baqgħet inadempjenti (ittra uffiċjali hawn annessa bħala Dok. C).

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara li l-konvenuta Shirin Maria Cassar hija debitriċi fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf mitejn u erbatax-il ewro u tmenin ċenteżmu (€44,214.80) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mis-6 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii. Tikkundanna lill-istess konvenuta Shirin Maria Cassar tħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' erbgħa u erbgħin elf mitejn u erbatax-il ewro u tmenin ċenteżmu (€44,214.80) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mis-6 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi minkejja l-konvenuta hija debitament notifikata permezz tal-proċedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni[1] baqgħet ma ppreżentat ebda risposta maħlufa fit-terminu mogħti lilha mil-liġi u għalhekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat il-provvediment tagħha mogħti fis-27 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-konvenuta sabiex titħalla tippreżenta Risposta Ġuramentata wara

[1] Fol 23, Fol 52 u Fol 72.

li naqset li tagħmilha fit-terminu legali li għadda wara n-notifika bil-mezz tal-affissjoni u publikazzjoni billi din, skont il-konvenuta, kienet invalida.[2]

Rat il-verbal tagħha tas-27 ta' Ottubru 2022[3] li permezz tiegħu tat sal-15 ta' Jannar 2023 sabiex il-konvenuta tippreżenta nota' ta' sottomissjonijiet tagħha iżda din baqgħet ma ppreżentat xejn.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Kif ġia ingħad, il-konvenuta hija kontumaċi iżda l-attur f'każi bħal dawn xorta jrid jipprova t-talba tiegħu għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħna, kontumaċja hija konstestazzjoni.[4] Li jfisser li l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut.[5]

**Fatti:**

Il Bank attur kien ta lill-konvenuta faċilita` ta' *overdraft* għas-somma ta' €32,000 f'Novembru 2008 bħala *working capital* biex tkun tista' tmexxi l-kumpanija ta' kummerċ tat-tip ISP u bħala garanti kien hemm Marcel Cassar u Benjamin Cassar. F'Ottubru 2009 din il-faċilita` flimkien ma' żewg faċilitajiet oħra preċedenti ġiet

[2] Fol 94.
[3] Fol 93.
[4] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, 27.03.1996.
[5] Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 Kollez. Vol. XXIX.iii.35.

trasferita għal ġo *loan*, fejn il-pagamenti in kwantu l-faċilita` ta' *overdraft* fuq imsemmija kellhom jammontaw għas-somma ta' €483.47 fix-xahar u l-ammont kellu jitħallas kollu sa Settembru 2016.[6]

F'Jannar 2010 intbagħtet ittra lill-intimata li permezz tagħha ġiet interpellata tħallas l-ammonti dovuta minnha[7]. Wara din l-ittra sar depożitu f'Lulju 2010 u tkomplew il-pagamenti iżda mhux fuq bażi regolari u mhux għall-ammont miftihem sa Ottubru 2011. F'Settembru 2016 sar depożitu ta' €2,522.75 u f'Ottubru 2016 sar ieħor ta' €2,000. Dawn ġew minn likwidazzjoni ta' assi appartenenti lill-garanti li kienu qed jagħmlu tajjeb għal din il-faċilita`. Meta waqfu l-pagamenti, il-bank reġa' ħareġ itta uffiċjali bin-numru 4499/2017[8] li permezz tagħha reġa' nterpella lill-konvenuta tħallas il-bilanċ fi żmien ħmistax-il jum iżda baqgħet inadempjenti.

Il-Bank attur irnexxielu jikseb mingħand Benjamin Cassar pagament ta' €7,000 wara proċedura ta' subbasta (Subb 17/19). Minn Jannar 2020 'il quddiem ma saru l-ebda pagamenti.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-Bank attur ipprova t-talbiet tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi.

---

[6] Dok DC1 a fol 39.
[7] Dok DC2 a fol 38.
[8] Dok C a fol 9.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank billi:

(1) Tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi fil-konfront tal-Bank fis-somma ta' €44,214.80 dovuta kif fuq spjegat.

(2) Tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lill-Bank l-imsemmija somma bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mis-6 ta' Jannar 2021 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA